**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 367/09 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija u l-intimand izzewgu f'April 1976 u kellhom tlett itfal illum kollha maggorenni;

Illi l-hajja flimkien bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli billi iz-zwieg tkisser irremidjabilment minhabba ragunijiet gravi imputabbli lill-intimand fosthom sevizzji, theddid u ingurji u nuqqas ta' hlas ta' manteniment;

Illi din mhix l-ewwel darba li l-esponenti hadet passi biex tinfired minn zewgha u kull darba tahfirlu izda issa ma tistax tkompli mieghu;

Illi hija nghatat il-permess biex tmexxi b'dil-kawza – Dok B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-firda personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-intimand;
2. Tiffissa l-manteniment dovut lill-esponenti mill-intimand;
3. Tikkundanna lill-intimand ihallas ir-retta alimentari hekk iffissata;
4. Tiddikjara li l-intimand iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-esponenti;
5. Twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti, tillikwidaha, u taqsamha f'zewg (2) porzjonijiet b'mod li jkun komminati kontra l-intimand il-provvedimenti tal-Art. 40 tal-Kodici Civili;
6. Tordna lill-intimand ihallas lill-esponenti is-sehem tal-esponenti hekk likwidat;
7. Tillikwida l-beni parafernali tal-esponenti u tikkundanna lill-intimand ihallas l-ammont hekk likwidat lill-esponent;
8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex wahedha – u ad eskluzzjoni tal-intimand – tghix fid-dar taz-zwieg;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha ecepixxa :

1. Illi l-esponent m'ghandux oggezzjoni li ssir firda personali, izda mhux ghar-ragunijiet imsemmija fir-Rikors Guramentat;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew prodotti, il-provi li ngabu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-paritjiet relatat maz-zwieg li sehh f'April 1976. Min-naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero' jsostni li dan sehh mhux ghar-ragunijiet li qegha tallega l-attrici. Jigi rilevat li l-konvenut ma ressaq l-ebda kontro-talba.

**<u>Verzjoni ta' l-attrici</u>**

L-attrici tixhed permezz ta' affidavit[1] u tghid li qabel iz-zwieg il-konvenut xtaqha taghmel *"il-karta taz-zwieg"* izda hija ma riditix. Madanakollu llum il-gurnata daqs li kieku ghamlitha ghaliex il-konvenut ma jaghtiha sodisfazzjon ta' xejn u qatt ma urieha bil-finanzi tieghu jew inkella jaghtiha xi haga mill-paga. Wara ftit zmien, kienet twieldet l-ewwel tarbija u wara ftit twieldet it-tieni tarbija u l-konvenut ma kienx kuntent. Erba' snin wara l-attrici kellha t-tielet tarbija u waqt it-tqala taghha l-konvenut kien jghidilha li jmissha tisthi u li jitqazzizha, u meta kienet tirrispondih kien jerfa' jdejh fuqha, sahansitra darba heddidha b'arma tan-nar. Fil-fatt l-attrici tghid li kellha tmur tiehu parir minghand it-tabib u minghand sacerdot u dan ghaliex minkejja li waqt it-tqala filghodu kienet tkun ma tifhalx, il-konvenut xorta kien ikun iridha taqli l-laham u l-froga. Wara tlett snin taqla is-swat, l-attrici tghid li marret bit-tfal ghand is-sorijiet tal-Bonpastur Hal-Balzan, izda kellha tmur lura d-dar kontra qalbha ghaliex riedu jifirdu lit-tfal minn maghha, u ghalhekk kellmet avukat u kienet bdiet il-procedura tas-separazzjoni u f'Settembru kien hemm ordni biex il-konvenut ihallas manteniment u illi l-kura u kustodja tat-tfal tkun f'idejha,

[1] Affidavit ezebit a fol 29 tal-process

ghalhekk fl-istess xahar telqet tghix post iehor, peress li ma setghetx tissaporti izjed lill-konvenut. L-attrici tghid li meta marret biex tixtri l-oggetti ghad-dar taghha, r-ragel taghha beda gej warajha u biex ma turihx fejn toqghod marret thabbat fid-dar t'ohtha, b'dan li r-ragel taghha spicca jiggieled ma' ohtha u taha daqqa ta' cwievet f'ghajnejha, u kellha tissellef il-flus minghand missierha. Hi tkompli tghid li s-separazzjoni taghha baqghet ma saritx finali. Sena wara li nfirdu, l-partijiet dahlu f'ghaqda kattolika u b'hekk l-attrici accettat li l-konvenut jmur jghix fil-post fejn kienu qed jirrisjedu l-attrici mat-tfal. Il-konvenut kien imur ghand psikjatra, izda ma kienx jiehu l-pinnoli. L-attrici ssemmi episodju f'Mejju 2002 meta kellha l-hsara fil-*washing machine* u kellha bzonn il-flus biex titranga u l-konvenut ma riedx jaghtiha l-flus, beda jghajjat u gie b'sikkina ghaliha u beda jheddidha li ha jxoqqha. Prezenti kien hemm bintha li kienet tqila u r-ragel taghha. Meta fis-sena 2003 il-konvenut harget bil-pensjoni, l-attrici tghid li kienu jinqalghu l-argumenti biex tithallas il-manteniment. Hi tghid li fis-sena 2005 kienu regghu dahlu fil-Qorti tal-Familja izda l-affarijiet baqghu ma irrangawx. L-attrici zzid tghid li l-manteniment ma jinghatax lilha kollu f'daqqa u trid toqghod tistenna biex jinghatalha. L-attrici trid thallas kollox hi, fosthom kontijiet tad-dawl u l-ilma, u kontijiet ohra kif ukoll il-kera tad-dar li f'wiehed u ghoxrin sena, darba biss il-konvenut hallas ghal nofs il-kera u meta l-partijiet kien ikollhom argument kien jispicca jizvoga billi jaqbad u jkisser l-affarijiet fid-dar. L-attrici tghid li din hi t-tielet darba li dahlet il-Qorti.

L-attrici tixhed permezz ta' affidavit iehor[2] li fih tghid li r-ragel taghha ghandu jkun dikjarat responsabbli ghas-separazzjoni ghaliex hlief inkwiet, tkissir ta' oggetti d-dar u dagha ma ratx minghandu u meta kien ifettillu ma kienx jaghtiha flus. Hija xehdet li tixtieq mija u ghaxar Ewro (€110) manteniment fil-gimgha ghaliex trid tahseb ghal kollox hi kif ukoll ghal manutenzjoni fid-dar peress li l-konvenut ma jkun irid jixtri xejn. Il-konvenut jghidilha li l-flus li ghamel hu huma kollha tieghu ghax hu hadem ghalihom u li l-attrici m'ghandha xejn. Hi telenka lista ta' dak li tahseb li hemm bhala proprjeta fil-komunjoni ta' l-akkwisti:

---

[2] Ezebit a fol 41 tal-process

Garaxx bil-parapett u basement li jiswa' €50,000

Karozza li tiwsa' €2300

Salott li jiswa' €1000

Kamra tas-sodda li tiswa' €500

Kcina tiswa' €500

Kamra ta' l-ikel li tiswa' €400

Appliances €7700

Inkwadri, linef u purtieri €3,300

Kamra tal-banju €2300

**<u>Verzjoni tal-konvenut</u>**

Illi jixhed il-konvenut *viva voce*[3] u jghid li huwa mhux kapaci jimxi f'toroq mudlama u qieghed isofri danni enormi *"tort ta' l-injuranza, suppervja u nuqqas ta' komunikazzjoni"* u dan peress li l-attrici "qed titlob hlas tal-hsara li qed jaghmel *ghax m'hix kapaci toffri servizz ta' zwieg u lanqas ta' seftura".* Hu jghid li l-attrici dejjem offrietlu hsara flok imhabba. Hu jghid li darba kellhom argument fuq il-*valve* tar-*reverse osmosis* tal-kcina u dan tort tal-attrici li ma riditx tobdih. Huwa jghid li ma jorqdux flimkien ghax hu ma jiflahx jorqod hdejn l-attrici.

Il-konvenut jipprezenta affidavit[4] u jghid li l-inkwiet bejn il-partijiet beda fis-sena 1981 mal-hrug tal-passaport tieghu, ghax l-attrici dahhlet f'mohha li l-konvenut huwa ta' dixxendenza Torka. Hu jghid li l-attrici minn dejjem riedet tissepara minn mieghu u telqet mid-dar u hu kien laqaghha lura, izda wara ftit harbet u serqet l-ghamara. Hu jghid li ilhom ma jghixu hajja

[3] Ara fol 420 tal-process xhieda datata 23 ta' Novembru 2011

[4] Immarkat Dok PP1 ezebit a fol 426 tal-process

matrimonjali u jsostni li hu zied minn jeddu l-manteniment minn Lm60 ghal Lm100 kull hmistax. Jghid li fis-7 ta' Dicembru 2007 l-attrici dawret ic-cens tal-*"flat prezenti minn fuq isem it-tifla ghal fuqna, Nutar Victor John Bisazza"*. Rigward il-manteniment jghid li *"bdejt nirregistra l-manteniment mal-HSBC. Jien dejjem wissejtha biex ma tahqarnix jew innaqsilha imma, ta' bully kienet u baqghet."* Jghid li l-attrici qatt ma uriet valur ta' paci u rispett. Jghid li l-akkuzi li l-attrici ghamlet fil-konfront tieghu *"huma volontarji hlief li huma motivati ghal skopijiet malezjuzi taghha."* Il-konvenut jaghti x'jifhem li jrid il-"massaggi umani" u hu qed ihallas lill-attrici izda mhux jinghatawlu, irid l-istabbilita u s-sodisfazzjoni personali tieghu izda l-attrici mhux taghtihulu. Hu jrid jghix ta' nies u mhux *"inkun skjav ta' min jobghodni, jittraskurani, jisraqni u tahdem biex kissret familja u ma tirrispettax lil min imantniha."* Hu jghid li l-attrici tistmah ta' kriminal u mhux ta' min iqallaghha l-ghixien b'hidmietu. Hu jghid li mhux se jirrispetta mgibitha minhabba li l-attrici dejjem hadet il-ligi b'idejha. Huwa jitlob ghall-kumpanija ta' martu ghaliex qieghed ihallas ghaliha, izda m'ghandux hin x'jahli ma min ma jridx jaf bih u ghalhekk peress li ilhom separati u qatt ma rrangat, jitlob divorzju immedjat.

Fis-seduta datata 2 t'Ottubru 2013, il-konvenut jghid li l-mara dejjem tghajru kull darba li jersaq lejha ghall-intimata' u talab lill-attrici tisliflu sim card izda ma riditx. Hu jghid li l-attrici la ssajjarlu u lanqas tahsillu. Hu jzid jghid li l-avukat tieghu u l-Qorti qeghdin jghaddu z-zmien bih.[5]

Huwa ipprezenta nota ohra mhux guramentata[6].

Illi permezz ta' affidavit ulterjuri datat 26 ta' Gunju 2014[7], jirrakkonta x'gara fil-gurnata tat-23 ta' Dicembru 2013 u jsemmi l-kliem li uzaw il-partijiet biex joffendu lil xulxin, izda jzid li fit-2

---

[5] Ara fol 463 tal-process

[6] Ara fol 467 tal-process

[7] Ara fol 506 tal-process

ta' Gunju 2014, il-Qorti tal-Magistrati ordnatlu li ma jkollu l-ebda kuntatt ma' l-attrici ghal zmien tlett snin, u dan ifisser separazzjoni u allura l-attrici hadet dak li dejjem riedet, skont hu. Hu jghid li ghandu dritt ghad-dinjita tieghu u jaghzel hu kif sejjer jghaddi l-hin u kif jonfoq flusu li hadem ghalihom hu biss[8].

**Il-provi kollha migbura**

L-attrici ipprezentat kopja ta' certifikat mediku mahrug fit-30 t'Awissu 1986 li tghid li hi kellha barxa zghira u hafifa taht ghajnejha tal-lemin u ohra bhalha fin-naha ta' gewwa ta' diraghja tal-lemin u tbengila hafifa f'minkbejha tal-lemin.[9]

Illi jixhed Ian B, iben il-partijiet permezz ta' affidavit[10] u jixhed dwar affarijiet li hu jghid li ra quddiem ghajnejh, fosthom l-argumenti bejn il-partijiet li kienu jinqalghu ghaliex il-konvenut ikollu johrog xi flus biex il-familja taghhom tkompli tghix, u specjalment meta l-attrici tkun kwieta qeghda tara xi sensiela bil-Malti u l-konvenut jibda *"jghajjar lilha bi xbinha, li tkornih mal-qassisin (ghax tmur l-quddies go post pubbliku), li tiehu d-drogi (jkun qed jirreferi ghal pilloli li kitbilha t-tabib fuq xi tension li wara kollox nahseb qabbadielha hu stess), li qatt ma misset mieghu (jekk hu veru allura ma nafx minn fejn gejna jien u huti), li qatt ma ghamlitha man-nies…".*

Tixhed ukoll Dorianne Mifsud bint il-partijiet, permezz t'affidavit[11] u tixhed dwar l-affarijiet li tiftakar dwar iz-zwieg tal-genituri taghha. Hi tiftakar li kemm ghandha z-zmien ommha u missierha kienu dejjem jiggieldu, hi tghid li dejjem kienet tkun imbezza b'dan li hi, ommha u hutha xi drabi kien ikollhom johorgu jigru l-barra mid-dar. Hi tikkonferma dak li jghid huha u cioe' li l-argumenti generalment kienu jinqalghu meta l-konvenut

---

[8] Kwotazzjoni, *"Jien inhoss li ghandu drit ghad-dinjita' tieghi u nazel kif sejjer nghadi il-hin u nonfuq flusi li hdiemt ghal ijhom jien jien biss."*

[9] Ara fol 33 tal-process

[10] Ezebit a fol 35 tal-process

[11] Ezebit a fol 36 tal-process

jintalab johrog xi haga tal-flus ghad-dar jew ghall-manteniment ta' ommha. Hi tghid li missierha kien jinvesti f'bonds u shares u darba biss qasam xi haga tal-flus ma' ommha billi ghamlilha Lm400 f'HSBC shares u lilha u lil hutha ghamlilhom Lm500 kull wiehed f'isimhom. Hi tghid li missierha jqatta xi granet f'garaxx l-Ghadira li tieghu hu biss ghandu c-cwievet.

Illi tixhed ukoll Bridget Muscat, li tigi bint il-partijiet permezz t'affidavit[12] li tiftakar ukoll hafna glied fi tfulitha. Tiftakar li darba minnhom matul il-lejl harget ma' ommha u ma' ohtha lejn l-ghassa ta' Hal-Qormi, u darba ohra meta marru jorqdu d-dar Merhba Bik.  Hi xehdet li ommha kienet titla' torqod fil-kamra tas-sodda taghha u t'ohtha, tiftakar li darba missierha kien xtara l-pastizzi ghalih u ghal ommha u ghat-tfal ma xtarax, u tiftakar li waqt l-argumenti missierha dejjem kien isabbat u jghajjat. Hi tghid il-maggoranza ta' l-agrumenti kienu jinqalghu meta l-attrici kienet titlob il-flus lill-konvenut. Ix-xhud tikkonferma dak li jghid huha Ian B u cioe' li l-konvenut jghajjar lill-attrici li tiehu id-drogi.

Illi tixhed Audrey Ghigo mill-bank HSBC[13] u tghid li l-kontijiet li sabet huma:

023033772451 li nfetah fit-12 ta' Jannar 2007 u nghalaq fit-28 ta' Frar 2009[14]

023033772001 li nfetah fis-16 ta' Settembru 2008[15]

085116994050 li nfetah fl-1 ta' Dicembru 2008[16]

---

[12] Ezebit a fol 38 tal-process

[13] Xhieda datata 14 t'Ottubru 2010 a fol 45 tal-process u xhieda datata 23 ta' Novembru 2010 a fol 118 tal-process

[14] Ara Dok AGx a fol 223 sa fol 125 tal-process

[15] Ara Dok AG1 a fol 49 sa fol 58 tal-process u Dok AGy a fol 126 sa fol 130 tal-process

089033286050 li nfetah fis-16 ta' Mejju 1995[17]

Illi jixhed ukoll Romuald Attard[18] rapprezentant mill-Bank of Valletta u jixhed dwar il-kontijiet bankarji tal-konvenut u jghid li l-konvenut kellu hmistax il-kont. Huwa ipprezenta s-segwenti dokumenti:

Dok RA1 – huwa savings in foreign currency f'munita Sterlina li ghadu attiv pero' huwa blocked[19]

Dok RA2 – huwa fixed deposit account u nghalaq fit-2 ta' Frar 2004[20]

Dok RA3 – huwa savings account li ghadu attiv pero' blocked ukoll[21]

Dok RA4 – huwa current account attiv u blocked[22]

Dok RA5 – huwa fixed deposit u kont maghluq. Dan inghalaq fid-19 ta' Frar 2004[23]

---

[16] Ara Dok AG2 a fol 59 sa fol 65 tal-process u Dok AGz a fol 131 tal-process

[17] Ara Dok AG3 a fol 66 sa fol 114 tal-process u Dok AGh a fol 132 sa fol 136 tal-process, Dok AGi a fol 137 sa fol 139 tal-process u Dok AGj a fol 140 sa fol 141 tal-process

[18] Ara xhieda datata 23 ta' Novembru 2010 a fol 119 tal-process

[19] Kont numru 138-0811301-8 ara fol 142 sa fol 214 tal-process

[20] Kont numru 153-0367702-8 ara fol 215 sa fol 223 tal-process

[21] Kont numru 165-0045201-6 ara fol 224 sa fol 287 tal-process

[22] Kont numru 165-0045202-9 ara fol 288 sa fol 323 tal-process

[23] Kont numru 165-0045205-8 ara fol 324 sa fol 329 tal-process

Dok RA6 – huwa savings in foreign currency f'Dollari Amerikani liema kont ghadu miftuh pero' blocked ukoll[24]

Dok RA7 – huwa fixed deposit li nghalaq fit-28 ta' Novembru 2006[25]

Dok RA8 – huwa fixed deposit li nghalaq fit-28 ta' Novembru 2007[26]

Dok RA9 – huwa fixed deposit in foreign currency f'munita Sterlina liema kont inghalaq fid-19 ta' Lulju 2010[27]

Dok RA10 – huwa fixed deposit in foreign currency f'Dollaru Amerikan liema kont nghalaq fit-19 ta' Lulju 2010[28]

Dok RA11 – huwa fixed deposit li nghalaq fit-28 ta' Frar 2009[29]

Dok RA12 – huwa savings li ghadu attiv[30]

Dok RA13 – huwa savings account iehor li ghadu attiv ukoll[31]

Dok RA14 – huwa fixed deposit u nghalaq fit-18 ta' Dicembru 2009[32]

---

[24] Kont numru 40010931831 ara fol 330 sa fol 360 tal-process

[25] Kont numru 40014755482 ara fol 361 sa fol 362 tal-process

[26] Kont numru 40014666208 ara fol 362 sa fol 363 tal-process

[27] Kont numru 40016580273 ara fol 362 sa fol 375 tal-process

[28] Kont numru 4001658299 ara fol 376 sa fol 387 tal-process

[29] Kont numru 40016717884 ara fol 388 sa fol 390

[30] Kont numru 40017225728 ara fol 391 sa fol 393 tal-process

[31] Kont numru 40017229562 ara fol 394 sa fol 400 tal-process

Dok RA15 – huwa fixed deposit u ghadu attiv[33]

Illi tixhed ukoll Claire Caprio Mangion mill-Malta Stock Exchange li tixhed li l-konvenut ghandu erba' kontijiet mal-Malta Stock Exchange bin-numri 76910, 650048, 9497455, 9700919[34]. Hija ipprezentat ukoll document biex tissostanzja dan[35]. Hija terga' tixhed[36] u tipprezenta dokumenti li juru l-interessi li ghandha l-attrici kif ukoll l-interessi li ghandu l-konvenut[37].

Waqt is-seduta datata 5 ta' Lulju 2013, l-attrici ipprezentat kopja ta' kuntratt ta' kompra-vendita datat 3 ta' Frar 1982, meta nxtara l-fond 13, Sunny, Triq id-Denci, Tas-Sliema, Mellieha b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel[38].

Il-konvenut jerga' jixhed *viva voce* fis-seduta datata 2 t'Ottubru 2013[39] u jghid li huwa ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija datat 28 t'Awissu 2013[40] (rigwardanti argument fuq *dustbin).*

Il-konvenut ipprezenta erba' CDs[41] li din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghhom stante li kellha ssir traskrizzjoni ta' dawn is-

---

[32] Kont numru 40017296061 ara fol 401 sa fol 403 tal-process

[33] Kont numru 40018704976 ara fol 404 tal-process

[34] Xhieda datata 7 ta' Marzu 2011 a fol 425 tal-process

[35] Dokument CCM1 a fol 428 sa fol 433 tal-process

[36] Ara xhieda datata 14 t'April 2011 a fol 435 tal-process\

[37] Dok PP1 a fol 438 sa fol 439 u Dok PP2 a fol 440 sa fol 442 tal-process

[38] Dok X ezebit a fol 446 sa fol 452 tal-process

[39] Ara fol 463 tal-process

[40] Dok PP1 ezebit a fol 458 tal-process

[41] Dok PP1 ezebit a fol 455 tal-process, Dok PP2 ezebit a fol 461 tal-process

CDs mill-konvenut fuq talba ta' l-attrici[42], liema talba giet milqugha[43] mill-Qorti izda din it-traskrizzjoni ma saritx mill-konvenut.

Illi l-attrici tipprezenta kopja ta' sentenza[44] datata 2 ta' Gunju 2014 li permezz taghha il-Qorti tal-Magistrati, Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali harget *Protection Order* lill-attrici fil-konfront tal-konvenut u ordni ta' trattament fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk il-konvenut instab hati talli fit-23 ta' Dicembru 2013 hebb ghall-attrici u ikkagunalha griehi ta' natura hafifa u talli hedded lill-istess attrici.

L-attrici ipprezentat ukoll kopja ta' mandat ta' sekwestru numru 129/2010 mahrug fl-10 ta' Gunju 2010[45] u hmistax-il cedola ta' depozitu immarkati Dok B1[46], B2[47], B3[48], B4[49], B5[50], B6[51], B7[52],

---

u Dok PP(ii) a fol 468 tal-process u iehor a fol 507 tal-process

[42] Rikors a fol 473 tal-process datat 12 ta' Dicembru 2013

[43] Ara fol 478 tal-process

[44] Ara fol 513 tal-process

[45] Ezebit a fol 535 tal-process

[46] A fol 537 tal-process fl-ammont ta' €3154.10

[47] A fol 538 tal-process fl-ammont ta' €12,154.92

[48] A fol 539 tal-process fl-ammont ta' €3720.62

[49] A fol 540 (li hija l-istess cedola bhal dik ta' qabilha)

[50] A fol 541 tal-process fl-ammont ta' €1946.93

[51] A fol 542 tal-process fl-ammont ta' €4169.71

[52] A fol 543 tal-process fl-ammont ta' €6248.44

B 8[53], B9[54], B10[55], B11[56], B12[57], B13[58], B14[59], B15[60] u B16[61] (dawn l-ammonti jgibu total ta' €63,066.48).

**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Illi dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[62] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

---

[53] A fol 544 tal-process fl-ammont ta' €2540.72

[54] A fol 545 tal-process fl-ammont ta' €3375.95

[55] A fol 546 tal-process fl-ammont ta' €1247.50

[56] A fol 547 tal-process f-ammont ta' €13,659.05

[57] A fol 548 tal-process fl-ammont ta' €332.75

[58] A fol 549 tal-process fl-ammont ta' €10,515.19

[59] A fol 550 tal-process fl-ammont ta' €1724.77

[60] A fol 551 tal-process fl-ammont ta' €10,005.24

[61] A fol 552 tal-process fl-ammont ta' €7154.22

[62] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[63] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[64] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici filwaqt li tqis il-verzjoni tal-konvenut bhala wahda dghajfa, mhux sostnuta bi provi bizzejjed u mhux korroborata.

Mill-provi, l-attrici irnexxielha tipprova sal grad rikjest illi mill-ligi r-ragel taghha, matul il-hajja mizzewga, kien jghajjarha, izeblagha u b'xi mod jipprova jcekkina. Dan il-komportament ma hux komportament li jwassal ghal hajja mizzewga serena kif tixraq. Jirrizulta li apparti dan kollu, l-konvenut kien ihalli lill-konvenuta fil-bzonn. Dan huwa kollu ikkoraborat mix-xiehda ta' ulied il-partijiet. Illi dan hu ukoll ikkoraborat mix-xiehda tal-konvenut stess, li jinfexx f'espressjonijiet dispreggjattivi fil-konfront ta' martu anke quddiem il-Qorti stess meta jghid li l-attrici *"mhix kapaci toffri servizz ta' zwieg u lanqas ta' seftura*" u jghid ukoll li hu qed isofri hafna danni tort ta' l-injuranza,

---

[63] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[64] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

suppervja u nuqqas ta' komunikazzjoni min-naha ta' l-attrici. Dan huwa ikkorraborat ukoll mid-dokumenti varji pprezentati fil-mori tal-kawza li juru li l-konvenut ghandu amment sostanzjali ta' flus investiti li huma fil-kontroll tieghu u ghalhekk il-verzjoni attrici li l-konvenut kien ihalliha fil-bzonn hija iktar verosimili. Il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni anke s-sentenza li giet moghtija fil-konfront tal-konvenut meta gie misjub hati li huwa hedded lill-attrici u sussegwentemtnt kellha tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront taghha, u dan certament ikompli isahhah l-argument ta' l-attrici li l-konvenut kien il-persuna li jahti ghas-separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk l-ewwel talba jisthoqqilha li tigi milqugha, b'dan li din il-Qorti tordna l-firda personali bejn il-partijiet tort tal-konvenut.

Illi hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw hekk,

*"51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

*"52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda."*

Illi il-Qorti tara li l-komportament abbuziv tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici jattira *ex lege* fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier taghha ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b' effett mid-data meta giet intavolata din il-kawza, u cioe' mill-1 ta' Dicembru 2009.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici</u>**

Illi primarjament u in vista tal-fatt li il-Qorti qeghda tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut u in vista wkoll tal-fatt li jirrizulta li l-attrici hija mara ta' certa eta u ghalhekk ser ssibha xi ftit jew wisq difficli jekk mhux impossibli li tmantni lilha nfisha jew li ssib xi xoghol adegwat, il-Qorti ser tghaddi biex tiffissa retta alimentarja li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

Il-Qorti hawnhekk se taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom, skont <u>il-mezzi u l-hila taghhom</u>, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

Il-konvenut huwa pensjonat u persuna ta' certa eta, madanakollu matul iz-zmien irnexxielu jakkumula bizzejjed flus u rnexxielu jaghmel diversi investimenti finanzjarji[65]. Ma ngabet l-ebda prova dwar kemm ghandu pensjoni l-konvenut illum il-gurnata, izda il-Qorti rat il-kont mal-BOV f'isem il-konvenut numru 16500452016[66] u jidher li kull erba' gimghat il-konvenut jircievi ammont ta' flus minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Ghalhekk in vista' tal-mezzi li ghandu l-konvenut, l-Qorti tara li l-konvenut ghandu jivversa s-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) kull erba' gimghat lill-attrici, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jinqata direttament mill-pensjoni tal-konvenut u dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

**<u>Dwar id-dekadenza ta' l-intimat mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici</u>**

Illi din it-talba hija ibbazata fuq l-Artikolu 48(1)(d) u ghaldaqstant, peress li l-konvenut huwa unikament hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, din it-talba jisthoqqilha li tigi milqugha fl-intier taghha.

[65] Ara fol 428 sa fol 433 tal-process

[66] Ara fol 245 sa fol 287

**Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

L-assi tal-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-kirja tad-dar matrimonjali (80, Flat 3, Hookham Frere Street, Pieta') u l-mobbli ta' go fiha;
2. Karozza;
3. Propjeta' li hija *boathouse* li fiha garage u *basement* li tinsab f'13, Sunny Triq id-Denci Tas-Sellum, il-Mellieha;
4. Assi finanzjarji varji fosthom stocks, bonds, u ishma fi hdan il-Malta Stock Exchange;
5. Kontijiet tal-Banek lokali u flus despozitati permezz ta' mandat ta' sekwestru numru 129/2010 fl-ismijiet *A B vs C B;*

*Id-dar matrimonjali (80, Flat 3, Hookham Frere Street, Pieta') u l-mobbli ta' go fiha*

Huwa mehtieg li jigi deciz min mill-partijiet ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali u min ghandu jigi zgumbrat. Ai termini ta' digriet li nghata *pendente lite* l-Qorti diga' ordnat illi l-konvenut jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali u dan minhabba l-komportament tieghu[67].

Illi ma irrizultax car mill-provi jekk id-dar matrimonjali 80/3, Hookham Frere Street, Gwardamangia hijiex koncessa lill-partijiet b'titolu ta' kera (l-attrici u uliedha jsemmu li tithallas il-kera) jew inkella jekk huma ghandhomx id-dar b'koncessjoni emfitewtika temporanja – u dan peress li ma gie prezentat l-ebda kuntratt jew skrittura privata f'dan is-sens. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici tghid li l-fond matrimonjali huwa suggett ghall-konessjoni emfitewtika temporanja[68].

---

[67] Ara fol 498 tal-process, digriet datat 1 ta' Frar 2014

[68] Ara fol 567 tal-process meta fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici tghid hekk, *"Propjeta' fl-indirizz 80/3, Hookham, Frere Street, Gwardamangia, liema propjeta' qieghda f'idejn il-partijiet rizultat ta' koncessjoni emfitewka temporanja ghall-wiehed u ghoxrin (21) sena. Fil-prezent din il-koncessjoni ghad fadlilha erbatax (14)-il sena ohra sabiex tiskadi. Il-fond huwa sugett ghal cens annwu fis-somma ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro (€466).*

Il-Qorti temmen lill-attrici meta tghid li id-dar matrimonjali sabitha hi fil-perjodu qasir li ghamlet *de facto* separata minn mal-konvenut, u temmen ukoll li kienet thallas il-kera hi u li l-konvenut darba biss ghenha fil-hlas tal-kera.

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma illi jekk id-dar matrimonjali hija mizmuma mill-partijiet b'titolu ta' kera, din ghandha tibqa' tirrisjedi fiha l-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut, b'dan li l-kirja *de quo* tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici, u f'kaz li d-dar matrimonjali hija mizmuma mill-partijiet b'koncessjoni emfitewtika temporanja, din ghandha tibqa' tirrisjedi fiha l-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut, b'dan li din il-koncessjoni tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici wkoll.

Illi rigward il-mobbli[69] li jinsabu f'din il-propjeta', huwa minnu li nxtraw matul iz-zwieg, izda l-Qorti tinnota mit-transazzjonijiet tal-flus li l-konvenut ghandu f'ismu fil-bank, illi mid-data ta' l-1 ta' Dicembru 2009 (u cioe' id-data li fiha l-konvenut qed jigi dikjarat li huwa hati tas-separazzjoni ghall-fini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), huwa gibed ammonti ta' flus sostanzjali mill-Bank, inoltre illi l-Qorti temmen li l-konvenut kien joqghod igerger u jirrifjuta li jaghti lill-attrici xi haga tal-flus biex tixtri l-oggetti ghad-dar, b'dan li anke l-kera kien ikollha thallasha l-attrici mill-manteniment li kienet intitolata ghalih, minghajr ebda ghajnuna mill-konvenut. Ghalhekk l-Qorti qeghda tordna li l-mobbli kollha li jinsabu f'dan il-fond jigu assenjati lill-attrici.

<u>*Karozza*</u>

L-attrici fl-affidavit taghha datat 29 ta' Settembru 2010 tghid li l-partijiet ghandhom karozza, pero' ma jirrizultax x'mudell hi, ghaldaqstant jekk il-partijiet ghandhom karozza din ghandha tigi assenjata lill-attrici a bazi ta' l-istess raguni li l-Qorti qeghda tassenjalha l-mobbli fid-dar matrimonjali msemmija iktar il-fuq.

---

[69] Imsemmija a fol 41 tal-process li huwa affidavit ta' l-attrici datat 29 ta' Settembru 2010.

*Proprjeta' li hija boathouse li fiha garage u basement li tinsab f'13, Sunny Triq id-Denci Tas-Sellum, il-Mellieha*

Illi l-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jghid li din il-proprjeta' hi parafernali tieghu. Izda dan ma jirrizultax, anzi jirrizulta l-kontra, ghalkemm il-konvenut dejjem zamm il-pussess ta' din il-propjeta', din il-propjeta' hija tal-partijiet u tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-propjeta' nxtrat fit-3 ta' Frar 1982 u deher il-konvenut wahdu fuq il-kuntratt, madanakollu l-propjeta' nxtrat snin wara z-zwieg, u ma jirrizultax li din il-propjeta' nxtrat minn flus parafernali tal-konvenut.

Ghalhekk peress li ma hemmx stima ta' din il-propjeta' fil-process, din il-propjeta' ghandha tigi stmata mill-Perit AIC Tancred Mifsud, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u tordna li dan il-fond bil-mobbli kollha ta' go fih jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghal prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' l-istima jew tal-valur konkordat bejn il-partijiet; u, fin-nuqqas, il-post jinbiegh taht l-AwtoA' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Assi finanzjarji varji fosthom stocks, bonds, u ishma fi hdan il-Malta Stock Exchange*

Jirrizulta li l-partijiet ghandhom diversi investimenti finanzjarji u li l-maggoranza taghhom qeghdin fil-pussess tal-konvenut, li dejjem zammhom taht il-kontroll tieghu. Illi fil-mori tal-kawza gew prezentati elenku ezawrejneti ta' investimenti finanzjarji li ghandhom il-partijiet. Il-lista hija wahda estensiva izda il-Qorti tirreferi ghal Dok RP1 a fol 438 u fol 439 tal-process, Dok PP1 a fol 440, 441 u 442 u Dok CCM1 a fol 428, 429, 430, 431, 432 u 433 tal-process u tordna li dawn l-investimenti, sia dawk intestati fuq parti u sia dawk intestati fuq il-parti l-ohra, ghandhom jigu kollha divizi bejn il-partijiet u assenjati nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut.

Il-Qorti qeghda tordna li l-unika ammont ta' ishma li m'ghandhomx jigu divizi huma il-hamest elef, tmien mija u sitta

u ghoxrin (5,826) sehem fi hdan il-Bank of Valleta plc Ordinary Shares u dan peress li dawn inxtraw mill-konvenut fit-22 ta' Mejju 1974 meta huwa kien ghadu ma ikkuntrattax iz-zwieg ma' l-attrici, u allura dan l-ammont ta' ishmha huma parafernali u jappartjeni b'mod esklussiv lill-konvenut.

*Kontijiet tal-Banek lokali u flus despozitati permezz ta' mandat ta' sekwestru numru 129/2010 fl-ismijiet A B vs C B*

Illi jirrizulta li l-konvenut kellu diversi kontijiet bankarji, u minn ezami akkurat ta' dawn il-kontijiet, jirrizulta li l-konvenut kien jaghmel diversi transazzjonijiet u jigbed ammonti ta' flus minnhom. Apparti minn hekk, jidher li l-konvenut kien jithallas l-interessi ta' l-investimenti msemmija iktar il-fuq f'dawn il-kontijiet. Peress li l-konvenut kien ihalli lill-attrici fil-bzonn u dejjem jaqla l-argumenti meta kien ikollha bzonn il-manteniment jew flus biex tirranga xi haga fid-dar, il-Qorti temmen li l-flus li kien jigbed minn dawn il-kontijiet u l-interessi finanzjarji li gew depozitati f'dawn il-kontijiet kien izommhom u kien jonfoqhom kollha hu u ma kien jaghti l-ebda sodisfazzjon taghhom lill-attrici. Huwa wkoll difficli ghal din il-Qorti biex taghmel il-kalkolu ta' kemm kienu l-interessi kollha li thallas il-konvenut mill-assi finanzjarji li ghandu mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sallum[70].

Ghalhekk peress li jirrizulta li, permezz tal-mandat ta' sekwestru numru 129/2010, gew depozitati taht l-awtoA' tal-Qorti, ammont ta' flus mill-investimenti finanzjarji u depoziti bankarji tal-konvenut, il-Qorti qeghda tordna biex l-attrici tigi assenjata nofs is-somma hekk depozitata[71], il-Qorti tordna ukoll illi minn din is-somma hekk depozitata, *arbitrio boni viri* l-attrici tkun assenjata is-somma ulterjuri ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) ghar-raguni indikata iktar il-fuq. Is-somma rimanenti tigi assenjata lill-konvenut.

---

[70] Data minn meta ghandu jigi applikat l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut

[71] Sad-data ta' din is-sentenza.

Rigward il-kontijiet bankarji tal-partijiet, dawn ghandhom jigu likwidati u divizi bejnithom.

**Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assejati lill-attrici**

Illi ma jirrizultax illi l-attrici ghandha xi beni parafernali u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa l-ewwel talba attrici fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li l-konvenut jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet. Il-Qorti tistabilixxi l-1 ta' Dicembru 2009 bhala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruhhu hati ghat-tkissir taz-zwieg;
2. Tilqa' t-tieni talba skond kif indikat fil-parti ta' din is-sentenza intestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici*;
3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) kull erba' gimghat, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-pensjoni tal-konvenut u dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja ;
4. Tilqa' r-raba talba skont kif indikat fil-parti ta' din is-sentenza intestata *Dwar id-dekadenza ta' l-intimat mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici*;
5. Tilqa' l-hames u s-sitt talba kif stabbilit fil-parti ta' din is-sentenza intestata *Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti*;
6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba;
7. Tilqa' t-tmien talba skont kif stabbilit fis-sezzjoni ta' din is-sentenza intestata *Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti.*

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali biex jistharreg ghal liema raguni l-konvenut qieghed jibbenefika u jekk ghandux jibqa' jibbenefika mis-servizz ta' l-ghajnuna legali, u sabiex jiehu l-passi li jidhirlu opportuni.